MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 117/2014

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom fit-28 ta' Mejju tas-sena 1994 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal bl-isem X li llum huwa maggorenni u Y li ghadha minorenni ;

Illi l-partijiet isseparaw bonarjament fil-25 ta' Novembru 2003 kif jirrizulta minn kuntratt ta' separazzjoni bonarja in atti Nutar Clinton Bellizzi LL.D., hawn anness u markat Dok A, u kif gie rispettivament emendat permezz ta' kuntratt in atti Nutar Silvana Borg Caruana datat 14 ta' Ottubru 2011, hawn anness u mmarkat bhala Dok B ;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' snin mifrudin minn ma xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat ir-risposta illi giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimata, li in forza taghha teccepixxi :

Illi l-esponenti taqbel ma dak espost mir-rikorrenti fir-rikors tieghu bhala fatti;

Illi tikkonferma ukoll li ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni;

Illi tikkonferma ukoll li ma hemmx manteniment dovut;

Illi effettivment l-esponenti mhux qed toggezzjona li jinghata dan id-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Ottubru 2011, izda ilhom ghal aktar minn erba' snin de facto separate minn ma xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------